

Brussell, 18 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15862/17

FAUXDOC 77
ENFOPOL 626
COMIX 855

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 18 ta' Diċembru 2017

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 15216/17

Suġġett: Ġestjoni tal-identità

- Konklużjonijiet tal-Kunsill (18 ta' Diċembru 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġestjoni tal-identità, adottati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fit-18 ta' Diċembru 2017.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġestjoni tal-identità

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

WARA LI KKUNSIDRA l-Komunikazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar "Sistemi ta' Informazzjoni aktar b'Saħħithom u aktar Intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà"¹, "It-titjib tas-sigurtà f'dinja ta' mobilità: skambju mtejjeb tal-informazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u fruntieri esterni li jifilħu aktar"² u l-"Pjan ta' azzjoni għat-tisħiħ tar-reazzjoni Ewropea għall-frodi tad-dokumenti tal-ivvjaġġar"³ tal-Kummissjoni,

WARA LI KKUNSIDRA l-Konklużjonijiet dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għat-tisħiħ tar-reazzjoni Ewropea għall-frodi tad-dokumenti tal-ivvjaġġar, adottati mill-Kunsill fit-3528 laqgħa tiegħu li saret fis-27 ta' Marzu 2017⁴ li jagħtu prijorità lill-importanza ta' dokumenti oriġinaturi aktar sikuri biex jipprevjenu l-frodi, meta jintużaw bħala evidenza tal-identità, u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-prijoritajiet tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata bejn l-2018 u l-2021, adottati mill-Kunsill fit-3539 laqgħa tiegħu li saret fit-18 ta' Mejju 2017⁵,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-importanza kruċjali ta' proċessi sikuri għar-reġistrazzjoni tal-identità u l-ħruġ ta' dokumenti oriġinaturi u ta' identità fi ħdan qafas usa' ta' ġestjoni tal-identità, biex jiġi indirizzat il-fenomeni tal-frodi tal-identità, tissaħħaħ is-sigurtà interna u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata,

FILWAQT LI JFAKKAR li, filwaqt li l-istandards tas-sigurtà u l-bijometrika f'dokumenti tal-ivvjaġġar huma stabbiliti fil-livell tal-UE, l-Istati Membri huma responsabbli biex jirreġistraw l-identità u joħorġu d-dokumenti; li l-miżuri u l-politiki f'dawn l-oqsma għandhom għalhekk ikunu bbażati fuq infrastrutturi tal-identità robusti u sodi,

¹ COM(2016) 205 final.

² Dok. 12307/16.

³ Dok. 15502/16.

⁴ Dok. 7696/17.

⁵ Dok. 9450/17.

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-isforzi li saru mill-Kummissjoni Ewropea għall-faċilitazzjoni tad-diskussjonijiet u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri dwar dawn il-kwistjonijiet, inkluż permezz tal-valutazzjoni reċenti tagħha tal-qagħda attwali abbażi ta' kwistjonarju dwar kwistjonijiet ta' reġistrazzjoni tal-identità,

FILWAQT LI JIFRAĦ lill-Presidenza Estonjana għall-isforzi tagħha biex tlaqqa' flimkien esperti mill-Istati Membri fil-qasam tal-ġestjoni tal-identità biex jaqsmu informazzjoni u prattiki tajbin permezz tal-organizzazzjoni ta' laqgħa tematika speċjali tal-grupp ta' Ħidma dwar il-Fruntieri / Dokumenti Foloż dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Identità fis-16 ta' Novembru 2017,

FILWAQT LI JILQA' l-ħidma li għaddejja dwar kwistjonijiet ta' ġestjoni tal-identità minn organizzazzjonijiet u aġenziji internazzjonali bħalma huma l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO), l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) u l-Europol,

IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex jiżguraw segwitu adatt għall-implimentazzjoni tal-miżuri elenkati fil-Pjan ta' Azzjoni b'mod partikolari fil-qasam tar-reġistrazzjoni tal-identità u l-ħruġ ta' dokumenti, bħala mezz biex jiġi indirizzat l-fenomeni tal-frodi tal-identità, it-tisħiħ tas-sigurtà interna u l-għieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, b'mod partikolari:

1. b'aktar titjib fil-mekkaniżmi ta' kondivizzjoni tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni amministrattiva bħala mezz biex jiġu identifikati lakuni potenzjali u kontinwament jiżdiedu l-effiċjenza u s-sigurtà tul il-katina tal-identità kollha kemm hi;
2. billi jeżaminaw kif l-aħjar jiggarrantixxu l-integrità tal-proċessi tal-ħruġ nazzjonali filwaqt li jevitaw il-ħruġ ta' dokumenti awtentiċi bbażati fuq identitajiet foloż, inkluż billi jirrendu dokumenti oriġinaturi aktar reżistenti għall-frodi;
3. billi jaqblu dwar l-allinjament tal-aħjar prattiki fl-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet marbuta mar-reġistrazzjoni tal-identità, bħala inċentiv għat-titjib tas-sistemi nazzjonali;
4. billi jagħmlu ħilithom biex jilħqu ċertu livell ta' standardizzazzjoni biex jittaffew ir-riskji u jiżguraw approċċ komuni għall-miżuri kontra l-frodi madwar l-Unjoni Ewropea;

5. billi jieħdu kont ta' proġetti marbuta mal-ġestjoni tal-identità bħal ORIGINS, ARIES u l-Kompendju ta' Prattiki Tajbin tal-Ġestjoni tal-Identità fir-Reġjun tal-OSKE, u billi jagħmlu hilitom biex jipprovdu segwitu xieraq għalihom fil-livell nazzjonali;
6. billi jipprovdu l-informazzjoni neċessarja dwar dokumenti oriġinaturi bl-użu ta' kanali ta' informazzjoni bħal iFado u l-Manwal tal-Europol dwar l-ID u d-Dokumenti Oriġinaturi, kif ukoll billi jippromwovu l-użu kontinwu tagħhom;
7. billi jimplimentaw malajr u b'mod sħiħ ir-Regolament 2016/1191 dwar il-promozzjoni tal-moviment liberu taċ-ċittadini u jisfruttaw il-potenzjal tiegħu biex titjieb is-sigurtà tad-dokumenti pubbliċi permezz tal-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) inkluża l-leġislazzjoni ġdida dwar il-protezzjoni tad-data⁶;
8. billi jżidu l-kooperazzjoni bilaterali ma' pajjiżi terzi sħab ewlenin biex jippromwovu u jappoġġaw l-introduzzjoni ta' identifikaturi bijometriċi fir-reġistri tal-popolazzjoni tagħhom;
9. billi jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2005 dwar l-istandards⁷ minimi f'dak li għandu x'jaqsam mas-sigurtà tal-proċessi ta' ħruġ.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2016/679 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data).

⁷ Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-1-2 ta' Diċembru 2005 dwar l-Istandards minimi komuni rigward is-sigurtà għall-karti tal-identità nazzjonali